MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2005

Numru. 1025/2003

PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH MERCIECA
VS
GUSEPPE AQUILINA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Guseppe Aquilina, ta’ 67 sena, bin il-mejtin Emanuele u Antonia nee’ Scicluna, imwieled Hamrun fis-17 ta’ Mejju 1936, u joqghod l-Gholja, Triq il-Busewdien, Wardija, limiti ta’ San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 438336(M), u akkuzat talli fit-12 ta’ Dicembru 2003, ghal habta tat-tlieta u nofs ta’ wara nofsinhar, fir-residenza tieghu ‘L-Gholja’, fi Triq il-Busewdien, Wardija, limiti ta’ San Pawl il-Bahar, ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Vincent Zahra, ai termini tal-Artiklu 216(1)(c) tal-Kap 9, liema ferita giet maghmula b’arma regolari, inkella bi strument li jaqta’ jew iniggez , ai termini tal-Artiklu 217 tal-Kap 9.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Vincent Zahra, ai termini tal-Artikli 383 u 384 tal-Kap 9.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Mix-xhieda kollha tal-Prosekuzzjoni, jirrizulta illi l-Pulizija giet infurmata illi kien hemm argument shun hdejn l-iskola tal-Wardija. Ghaldaqstant, PS 746 acceda fuq il-post u sab lit-tabib Antoine Chircop li wasslu sa fejn kien il-kwerelant Vincent Zahra li kien mixhut mal-art quddiem ir-residenza tal-imputat. It-tabib Chircop informa lis-Surgent li l-kwerelant Vincent Zahra kien sofra xi griehi go zaqqu. PS 746 informa lill-Ispettur Mercieca li acceda mmedjatament fuq il-post.

L-Ispettur Mercieca xehed illi kellem lil Dr Chircop li kien ghadu fuq il-post, li nfurmah li hu kien intalab jattendi fid-dar ta’ l-imputat sabiex jezamina liz-zewgt itfal, cioe’ Giorgi u Ganni, li jigu n-neputijiet tal-imputat, u li missierhom huwa Vincent Zahra. It-tabib Chircop informa lill-Ispettur, illi kif dahal sab lil Mary Aquilina mitluqa mal-art fil-bitha fuq barra, gie fuqu Vincent Zahra jzomm zaqqu u qallu li kien qala’ xi daqqiet ta’ xi oggett bil-ponta.

L-Ispettur Mercieca kellem lil Mary Aquilina fuq il-post ukoll, u din ikkonfermat li kien cemplilha Vincent Zahra, u li dan beda jghidilha hafna diskors spregjattiv fil-konfront tat-tifla taghha Simone Aquilina; li l-istess Simone Aquilina kellha relazzjoni mall-kwerelant Vincent Zahra li minn din ir-relazzjoni kien hemm zewgt itfal, cioe’ Giorgi u Ganni.

Mary Aquilina nfurmat lill-Ispettur illi meta ndunat li Vincent Zahra ma kienx qed jaghmel sens, hija kienet qatghet it-'telephone', u wara ftit kien dahal Vincent Zahra d-dar minghajr ma habbat, u beda jargumenta mar-ragel taghha li kien qieghed fil-kamra tal-ikel. Mary Aquilina xehdet li zewgha, l-imputat, beda jipprova jikkalma s-sitwazzjoni, izda Vincent Zahra beda jsir aktar aggressiv fil-konfront tal-imputat, u li f'hin minnhom Vincent Zahra hebb ghal Mary Aquilina, imbaghad hebb ghal zewgha l-imputat billi qabdu minn ghonqu, gidimlu sebghu u gew fl-idejn. Mary Aquilina nfurmat lill-Pulizija li hi ma rat ebda arma tintuza fl-incident.

Spettur Mercieca mbaghad kellem lill-imputat li kkonferma l-verzjoni li tat Mary Aquilina, u qallu li hu kien qieghed fil-kamra tal-ikel qed iqasqas xi almanetti ghat-tfal meta dahal Vincent Zahra rrabjat, illi huwa (l-imputat) prova jikkalmah sahansitra offrielu kikkra te', izda l-kwerelant ma riedx jaf. F'daqqa wahda, Zahra qabad lill-imputat minn ghonqu u beda jrossu mal-hajt. Vincent Zahra sahansitra gidimlu sebghu z-zghir, u meta kien qed jintrass mal-hajt, huwa hass l-imqass fil-but ta' wara (li kien l-istess imqass li bih huwa kien qieghed iqasqas il-karti), u li ghaldaqstant, kien kostrett li jipprova jnigges lil Vincent Zahra bih sabiex dan jerhi l-'grip' tieghu. Illi wara dan l-incident, l-imputat jghid li telaq minn fuq il-post u mar ghand hu l-mara tieghu fil-qrib.

L-Ispettur Mercieca nforma lill-Magistrat tal-Ghassa illi sejhet inkjesta. L-Ispettur Mercieca mar ikellem ukoll lil Vincent Zahra li kien qieghed l-isptar, Vincent Zahra ma tantx kien f'pozizzjoni li jitkellem pero' qal lill-Ispettur Mercieca li kellu l-incident pero' ma jafx kif gara.

Illi ghaldaqstant wara li hareg mill-isptar, l-Ispettur Mercieca rega' baghat ghal Vincent Zahra. Vincent Zahra nforma lill-Ispettur Mercieca illi fis-17 t'Ottubru fis-sebgha u nofs ta' filghodu kienet cemplitlu t-tifla tal-imputat biex tghidlu biex ma jmurx jara lit-tfal ghaliex kienu ma jifilhux. Vincent Zahra nforma lill-Ispettur li huwa kien xtara xi affarijiet tal-helu ghat-tfal, u kien fil-vicinanzi u ddecieda li xorta jmur izurhom. Illi kien dahal, l-imputat qabad

argument mieghu, indahlet ukoll il-mara tal-imputat, tefghuh mal-art u f'hin minnhom, Vincent Zahra gie taht l-imputat. Vincent Zahra nforma lill-Pulizija li seta' gara li huwa gidem lill-imputat, pero' ma jiftakarx ezatti kif gara l-incident.

Vincent Zahra stqarr li wara dan huwa kien qam pero' l-argument kompla, u f'hin minnhom ra lill-imputat igib xi haga minn bicca ghamara u hass tingiza fuq in-naha t'isfel ta' zaqqu. Dan Vincent Zahra pero' ma setax jiddicifra x'tip ta' strument intuza.

L-imputat irrilaxxa stqarrija li giet immarkata bhala JM3.

Spettur Mercieca xehed illi l-imputat kien wera lill-Pulizija fejn kien tarlu l-imqass minn idejh, u dan l-imqass gie migbur mill-esperti tal-Qorti. Spettur Mercieca xehed illi l-imputat kien qallu li kif dahal Vincent Zahra d-dar, kien qabal jheddu li se joqtlu. Spettur Mercieca ma kienx jaf jekk kienx ittiehed kampjun ta' demm tal-kwerelant sabiex jigi ezaminat l- 'alcohol content' tieghu.

Dr Antoine Chircop, a fol 103, ikkonferma x-xhieda tal-Ispettur Mercieca, u ddepona li huwa kien gie msejjah biex imur izur lil wiehed mit-tfal tal-familja Aquilina, u li x'hin wasal kien hemm konfuzjoni shiha, ra lil Vincent Zahra li kellu ferita f'zaqqu, lil Guzeppe Aquilina li kellu ferita f'subghajh, u hareg ic-certifikati li jidhru a fol 126 u 127.

Ghar-rigward Vincent Zahra, Dr Chircop iccertifika illi sab illi kien 'allegedly involved in a fight, breath smells of alcohol, lateral contused wound in right lower abdomen, bleeding from wound, pressure applied to wound, referred to Emergency Department for treatment.' Ghar-rigward ta' Guzeppe Aquilina, 'laceration in left middle finger, referred to Mosta Health Centre for sutures.'

Dr Chircop ma kienx f'pozizzjoni jghid jekk kemm-il darba l-griehi ppenetrawx il-kavita' taz-zaqq. Mistoqsi ezattament x'ra appena dahal fid-dar tal-imputat, Dr Chircop jghid li sab lit-tfal iwerzqu fid-dar, li sab lil mart l-

imputat mixhuta mal-art, u mbaghad ra lil Vincent Zahra li diga’ kellu d-demm hiereg mill-ferita. Xehed illi meta ra lil Vincent Zahra l-ewwel darba, hu kien qieghed bilwieqfa, kien qieghed jghajjat, kellu xi dmija hierga minn hdejn snienu, kellu riha ta’ ‘alcohol’, u li Dr Chircop assistieh sakemm ma giet l-ambulanza. Dr Chircop xehed illi Vincent Zahra huwa ragel ‘in his forties’, ta’ statura twila, ragel mibni sew.

A fol 144, Dr Chircop ikkonferma li apparti r-riha tax-xorb f’imnifsejn Vincent Zahra, huwa rah ukoll jixxengel ftit. Dr Chircop qal ukoll li kliem Vincent Zahra fil-bidu ta’ dan l-incident kienu aggressivi, izda mbaghad ikkalma ftit, u li kliemu kienu fis-sens li ser ipattihielu u ser isibu. Dr Chircop xehed illi l-imputat qallu illi l-ferita li kellu f’idejh kienet minn gidma, u kkonferma illi l-griehi tal-imputat kienu filfatt kompatibbli ma’ gidma.

Dr Joseph Saliba, a fol 127, ikkonferma illi ghall-griehi tal-imputat f’sebghu li kellu bzonn il-punti, izda gie deciz minhabba li si tratta ta’ gidma, u kien hemm cans kbir illi l-gerha tinfetta, gie deciz illi ssirlu ‘sterile strips’. Dr Saliba kkonferma dokument JS a fol 132. Dr Saliba kkonferma wkoll li filfatt l-imputat gie moghti t-‘tetanus injection’.

A fol 133, Spettur Mercieca esebixxa certifikat tat-twelid.

A fol 142, Mary Aquilina xehdet li hija kienet diga’ tat it-testimonjanza taghha u kienet lesta li tikkonfermaha. Aquilina xehdet illi dakinhar tal-incident, Vincent Zahra kien mar id-dar taghha ghal habta ta’ xi nofsinhar, u gab mieghu lit-tifel tieghu Ganni. Mary Aquilina xehdet illi t-tifel l-iehor Giorgi kien qieghed ghandhom u kien ma jiflahx. Illi aktar tard, cempel Vincent Zahra, u beda jghajjarha bit-tifla u Mary Aquilina qatghetlu t-‘telephone’. Vincent Zahra mar id-dar ta’ Aquilina f’temp ta’ hames minuti, u beda jhedded lill-imputat bil-kliem ‘illum gejt biex noqtlok.’

Mary Aquilina xehdet hekk:

‘Ir-ragel tieghi kien fil-kamra tal-ikel issa kullma hemm boghod mill-kamra tal-ikel ghall-kamra tas-sodda qeghdin faccata ta’ xulxin, u beda jghajjat u jitkellem hazin, u jien hrigt biex nofroqhom naqra, u bdew jiggieldu u qabdu minn ghonqu.’

Mary Aquilina xehdet illi Vincent Zahra ghalkemm ghandu hamsa u hamsin sena, ghandu statura kbira ghax twil xi sitt piedi, ‘u ragel mibni sabih hafna’. Mary Aquilina xehdet illi hi tat struzzjonijiet lir-ragel taghha sabiex jidhol fil-kamra tas-sodda u dan hekk ghamel, izda Vincent Zahra xorta baqa’ jigri warajh, ‘u rega’ qabdu minn ghonqu ghax hargu mill-kamra tas-sodda u kien hemm it-tfal iwerzqu u jien mohhni fit-tfal.’ (ara fol 145).

Mitluba tghid f’liema stat kien Vincent Zahra, Mary Aquilina tixhed is-segwenti:

‘Jien l-istat li rajtu jien qatt ma rajtu kif rajtu dakinhar, qatt u qatt. Veru li xi kultant ikun irrabjat u dan, imma dakinhar, haga inkredibbli qatt ma rajtu hekk, anke wiccu l-kulur…peprin ahmar jien qedt ha tinqataghlu xi vina... Imbaghad baqa’ jaqbad mar-ragel tieghi, jien bdejt nghidlu lir-ragel tieghi ‘itilqu, mur ghand hija’... U qabdu minn ghonqu hekk u nizzlu mal-art lir-ragel…gidimlu subghajh…beda hiereg id-demm minn halqu filfatt…u rega’ qabad injama ghandna njama kbira biex iwaddabha lir-ragel u jien dhalt in between them ergajt…at one time lir-ragel jien qedtlu sejjer…ghax kien faga.’

Mary Aquilina xehdet illi hija ma kinitx taf li Vincent Zahra kien ferut. Mitluba tghid jekk ratx xi sikkina, Mary Aquilina xehdet illi fuq il-mejda tal-ikel kien hemm sikkina li kienet qed tuza hi biex tnaddaf il-hut. Xehdet illi rat lir-ragel taghha jaqbadha f’mument, u hija talbitu s-sikkina u r-ragel taghha tahielha, u din qabbditha u waddbitha fis-sink. (ara fol 146).

Mary Aquilina ssostni li hi ma rat lil zewgha b’ebda strument iehor f’idejh. Mary Aquilina kkonfermat ix-xhieda li tat fl-inkjesta. Mitluba tghid x’taf fuq l-imqass, Mary Aquilina tichad li rat xi mqass, izda xehdet fuq l-imqass

quddiem espert tal-Qorti fuq dak li kien qalilha zewgha, u mhux ghax rat l-imqass b'ghajnejha. Ghar-rigward tar-riha tal-'alcohol', Mary Aquilina tghid li ma xammet xejn.

Dr Mario Scerri, a fol 158, ikkonferma r-relazzjoni tieghu, ikkonferma r-ritratti li ha tal-feriti ta' Vincent Zahra u li dawn il-feriti kienu kompatibbli ma' strument bil-ponta li jaqta' u jghid, a fol 159, illi l-'pattern' tal-'entry wound', 'huwa tipiku ta' strument kompatibbli ma' mqass.'

Ghar-rigward tal-griehi fuq l-imputat, Dr Scerri stqarr illi ma rax griehi mal-ghonq l-imputat, u ha zewg ritratti, li jinsabu a fol 177 u 178 tal-process, u incizjoni fuq is-seba li tidher a fol 180.

Vincent Zahra ghazel li ma jixhidx in vista tal-proceduri kriminali ghaddejjin kontra tieghu, u nforma lill-Qorti illi huwa hafer lill-imputat u li kieku kien jiddependi minnu, kien iwaqqaf il-proceduri kontra l-imputat minnufih.

Dr Branko Duljic ikkonferma illi l-griehi tal-kwerelant Vincent Zahra kienu griehi gravi, stante illi l-gerha kienet ippenetrat il-kavita' abdominali, u laqtet l-intestini f'zewg postijiet.

L-imputat Aquilina, minn naha l-ohra, xehed illi dakinhar huwa kien qieghed id-dar, qieghed iqasqas l-karti u jwahhal stampi fuq almanakk ghan-neputijiet tieghu. Dawn in-neputijiet kienu tfal tal-kwerelant Vincent Zahra, minn relazzjoni li kellu mat-tifla tieghu Simone Aquilina. A fol 195, l-imputat xehed illi f'xi hin cempel it-'telephone' u rrispondietu l-mara u wara xi hames minuti, Vincent Zahra wasal sa ghandhom:

'u nsibu ma' wicci, kif dahal qalli 'llum gejt biex noqtlok'. Qatt ma kellna argumenti mieghu, darba ghamilt ghalih xi snin qabel ghax dahal jidghi d-dar qedtlu hawn mhux hwejjek qedtlu itlaq 'l barra, u ma riedx johrog, u mbaghad hareg bil-kwiet.'

L-imputat xehed illi dakinhar tal-incident, Vincent Zahra beda jghajjru u jitkellem hazin u joffendilu lill-mara, u dan

quddiem in-neputijiet tieghu, li wiehed minnhom kien marid, tant li kienu qed jistennew lit-tabib. L-imputat xehed illi Vincent Zahra rega' heddu li se joqtlu u beda jghajjar lit-tifla tieghu 'qahba'. L-imputat qal lil Zahra biex ipoggi bilqeghda u offrielu kikkra te', u talbu jghidlu x'inqalghalu meta Vincent Zahra hebb ghalih: 'qisu dimonju, tajjarli n-nuccali, qattaghli l-qmis.'

Mitlub jghid xi stat kien fih Vincent Zahra, l-imputat jghid 'stat li jien wiccu ma nafx qatt ma rajtu hekk…wiccu ahmar nirien, ghajnejh imqabbzin 'l barra…qisu wiehed iddrugjat, ikrah ha nghidlek, hekk, qatt ma rajtu hekk.'

Mitlub biex jghid xammx xi riha specjali, l-imputat jghid li ma nnutax, pero' jghid li ma kienx normali, 'kull darba jigi jahtafni u jien inwarrablu, fl-ahhar hatafni minn hawn (cioe' minn ghonqu)…u ghajjieni…hadli nifsi hux…qataghli nifsi, qbadt din l-id biex nimbuttalu geddumu…biex innehhilu jdejh minn hemmhekk u hatafli subghajja…dan ghadu mmankat sal-lum. U jien bl-ghajja li kelli ntlaqt fuqu, waqajt fuqu, subghajja baqa' f'halqu, idejh baqghu mieghu hekk…tajtu daqqa ta' ponn go sigrietu izda baqa' jaghfasni', u fl-ahhar irnexxielu jaqla' subghajh minn halq Vincent Zahra, intervjeniet martu biex tferraqhom u l-imputat irnexxielu jqum u ra sikkina fuq il-mejda. L-imputat jghid illi qabad din is-sikkina sabiex jitfaghha fis-sink halli ma jinqalax inkwiet, 'u gie qabadni minn dahri u kif qabadni minn dahri qbadt is-sikkina, imxejt xi hames passi u tajtha lill-mara din is-sikkina.'

L-imputat xehed illi l-mara tieghu tatu struzzjonijiet biex jidhol fil-kamra tas-sodda, fost xena ta' paniku kbir u twerziq ta' tfal, u twerziq ghall-ghajjut mill-istess mara tieghu. L-imputat jghid li hemmhekk Vincent Zahra rega' hatfu minn ghonqu, u huwa rega' tefa' jdejh fuq geddum Zahra biex jipprova jimbuttah 'l hemm, mentri Zahra rega' gidimlu subghajh. L-imputat xehed is-segwenti:

'ma stajtx niccaqlaq imkien, jaghfas, jaghfas, jaghfas, u nizzilni mal-art u habbatni mal-art hekk mal-koxxa tal-bieb, hadt daqqa wahda fuq ohra u niggiztu…bl-imqass li kont qed inqatta' l-karti. Dan l-imqass kien qieghed fil-but.'

Mitlub jghid kif l-imqass gie f'idejh, l-imputat xehed 'l-imqass ghax niggizni bih, ghax weggajt bih, ghalhekk marret idi hemmhekk, hrigtu u niggiztu.' Wara dan, l-imputat jghid illi mexa fuq l-istruzzjonijiet tal-mara tieghu, hareg mill-bieb biex imur ghand huha, izda l-kwerelant baqa' jigri warajh, qabad injama kbira u xejjirhielu.

Ikkunsidrat:-

L-imputat jintsab akkuzat taht l-Artiklu 216(1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

'L-offiza fuq il-persuna hija gravi, u ghaliha tinghata l-piena ta' prigunerija minn tliet xhur sa tliet snin – jekk tkun maghmula b'ferita li tidhol f'wahda mill-kavitajiet tal-gisem, minghajr ma ggib l-ebda wahda mill-konsegwenzi msemmijin fl-Artiklu 218.'

Illi mix-xhieda moghtija minn Dr Branko Duljic tirrizulta ppruvata l-klassifika tal-griehi ta' natura gravi minhabba penetrazzjoni tal-kavita' abdominali. Illi mhuwiex kontestat illi l-imputat attwalment kien il-persuna illi wettqet il-griehi gravi ndikati. Dak li qieghed jinghad mill-imputat hu illi huwa agixxa b'tali manjiera in legittima difesa tal-persuna tieghu.

Issa, Artiklu 223 tal-Kap 9 jipprovdi:

*'Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-ligi jew mill-awtorita' legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew haddiehor.'*

Illi, skond il-gurisprudenza taghna, 'mhux kull min jagixxi biex jiddefendi ruhu' necessarjament jista' jinvoga dan bl-artiklu (223). Il-ligi titkellem car dwar il-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' dak illi jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-duttrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna, hu ormai stabbilit illi biex wiehed jista' jinvoga din l-iskriminanti, l-aggressjoni subita trid tkun **ingusta, gravi**, u **inevitabbli.**

L-element ta’ inevitabilita’ jigi nieqes meta wiehed, minflok ma’ jevita’ l-inkwiet o sia l-glied li jara gej, meta dan ikun jista’ b’mod ragjonevoli jigi hekk evitat, imur minghajr raguni valida jikkonfrontah, b’mod illi jippercipita huwa stess il-konfront fiziku, **(ara Pulizija vs Augusto Auguliaro, deciza mill-Appell Kriminali fis-26 t’Awissu 1998)**.

Infatti, **Lord Justice Widgery, fil-kawza R. vs Julien, 1969, 1WLR389, jghid is-segwenti**:

‘it is not…the law that a person threatened must take to his heels, and run in the dramatic way suggested by Mr McHale; but what is necessary is that he should demonstrate by his actions that he did not want to fight. He must demonstrate that he is prepared to temporise and to disengage and perhaps to make some physical withdrawal, and that that is necessary, as a feature of the justification of self defence is true, in our opinion, whether the charge is a homicide charge, or something less serious. (fol 843).

Illi fil-kaz in ezami, il-fatti speci kollha juru li certament l-aggressjoni da parti ta’ Vincent Zahra kienet **ingusta**. Dan qieghed jinghad mhux biss ghaliex l-imputat, ragel anzjan, kien qieghed ghall-affari tieghu go daru jiehu hsieb it-tfal tal-istess Vincent Zahra, imma ghaliex Vincent Zahra fi stat ubrijak, wara battibekk mal-mara tal-imputat, iddecieda li jaccedi fid-dar ta’ Aquilina ghas-sodisfazzjon, mhux mal-mara tal-imputat izda mal-imputat innifsu.

Illi l-aggressjoni tal-kwerelant Vincent Zahra kienet **gravi** ghal diversi ragunijiet, mhux biss kienet gravi per se minhabba illi Vincent Zahra kien qed jipprova jghallaq lill-imputat, izda minhabba diskrepanza tremenda bejn l-istatura u sahha fizika ta’ Vincent Zahra, li huwa ragel twil u mibni sewwa, mentri l-imputat huwa ragel anzjan, ta’ statura zghira u fragli.

Illi di piu’, minkejja l-agir aggressiv ta’ Vincent Zahra kemm fuq it-‘telephone’ kif ukoll bil-manjiera ta’ kif invada dar l-imputat, l-imputat mill-ewwel ipprova jinnegozja u

jiehdu bil-kelma t-tajba, infatti jghid illi fil-bidu hadu bic-cajt. Ikompli jghid ukoll li stiednu jpoggi bilqeghda u anke offrielu t-te'.

L-imputat jaghti rakkont vividu hafna tad-diversi tentattivi li ghamel biex jipprova jiskappa minn taht il-korla u l-aggressjoni tal-kwerelant u kien biss meta kien fl-ahhar mumenti ta' koxxenza, illi nduna li l-imqass kien qieghed fil-but ta' wara tal-qalziet, (induna bih biss minhabba l-aggressjoni tal-kwerelant, tant li filfatt tniggez huwa stess bih), u kien hemmhekk illi kien kostrett li juzah biex isalva hajtu.

Illi di piu', anke wara l-ferita gravi, il-kwerelant baqa' jhebb u jipprova jsawwat lill-imputat b'injama.

Illi ghaldaqstant, huwa car illi l-aggressjoni subita mill-imputat kienet **inevitabbli** u l-agir tal-imputat certament wera dak senjat f'R vs Julien, citat aktar 'l fuq, u cioe' illi huwa kien lest li jiddesiti u jirtira mill-glieda. Illi ghalhekk, l-aggressjoni da parti ta' Zahra kienet ingusta, gravi u inevitabbli.

Illi in oltre, l-imputat kellu kieku ried, uzu ta' sikkina kbira li kienet fuq il-mejda. Din minflok ma ntuzat minnu fit-taqbida, giet mghoddija lill-mara tal-imputat. Din il-mossa hija wahda sinjifikanti immense ghaliex turi li l-imputat qatt ma ried jaghmel hsara lill-kwerelant, avolja kellu l-opportunita' li jaghmel dan.

In vista ta' dan kollu, din il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati skond l-akkuza, ghal raguni ta' legittima difesa ai termini tal-Artiklu 223 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------